# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2000**

**Numru: 1**

**Citazzjoni Numru: 1602/92 JF**

**Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghna Michael Attard Limited.**

**vs**

**Joseph Apps ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sea Malta Company Limited u Godwin Abela u Alfred E. Aquilina bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li s-socjeta' Michael Attard Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur "Pinto" minn Marseilles 40 karozza tal-marka Peugeot liema servizz gie organizzat mis-socjeta' Sea Malta Company Limited (Dok. A).

U premess li wara li waslet din il-merkanzija f'Malta fit-30 ta' Novembru 1991 u nhattet minn fuq il-vapur imsemmi f'idejn is-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited", din giet ikkonsenjata lill-importatur b'danni u nuqqasijiet.

U premess li ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assikurat tieghu tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat, kif jirrizulta mill-anness dokument "B".

U premess li l-attur nomine jikkwantifika l-hsara u nuqqasijiet riportati fil-merkanzija tal-assikurat tieghu fl-ammont ta' tmien mija u tnejn u tmenin liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm882.20,0) inkluz f'din il-figura l-ammont ta' mija u sittin liri Maltin (Lm160) imhallsa bhala survey fee (dok. C).

U premess li l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni u nuqqasijiet.

Talab li dina l-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija tal-assikurat tal-attur nomine;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-assikurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur fis-somma ta' Lm882.20,0;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm882.20,0 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti nomine jew min minnhom.

Bl-ispejjez u nteressi legali mill-31 ta' Dicembru 1991, data tal-pagament relativ lill-assigurat tal-attur nomine, kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Joseph Apps nomine fejn eccepixxa n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti in vista tal-klawsola 26 tal-Polza tal-Karigu;

Il-klawsola tal-ezoneru stipulata fil-polza tal-karigu "unprotected motor cars ship not responsible for damages and accessories" u l-klawsola "vessel not responsible for accessories and/or other goods left inside vehicles nor any interior damage to upholstery fittings or accessories."

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela u Alfred E. Aquilina nomine fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament it-talbiet fil-konfront tal-konvenuti nomine, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-vetturi in kwistjoni gew zbarkati minn fuq il-vapur bil-hsarat, kif jirrizulta mit-"tally sheet" Nru. 48641, hawn annessa.

2. Illi fit-tieni lok ghandha tigi pprovata l-allegata surroga.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, ghandha issir prova, kif, meta u minn min sar l-allegat hlas tal-allegati danni.

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-allegati danni huma ghal kollox esagerati.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti nomine jissollevaw li ma kienux fi kwalinkwe kaz risponsabbli ghal kwalinkwe hsarat u danni allegati, u dana ai termini tar-Regolamenti Nru. 86 dwar il-portijiet, hawn anness.

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess is-survey fees allegati, apparti li huma esagerati ma jistghux jigu reklamati stante li ma humiex danni tal-assigurat.

7. Illi fl-ahharnett u bla pregudizzju ghall-premess l-interessi jiddekorru mid-data tac-citazzjoni stante li si tratta dwar kawza ta' danni. (Sentenza tal-Appell Sede Kummercjali - deciza fis-sitta ta' April 1992 - Citaz. Nru. 112/86 - Dr. Robert Staines u

Walter Camilleri vs Chev. S. Mifsud u Godwin Abela u Jon Cavallo).

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti, u semghet ix-xhieda li giet prodotta u rat l-"affidavits" prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat qabel xejn li din hija kawza komunement maghrufa bhala "marine cargo claim".  L-assigurat tal-attur nomine importa f'Malta erbghin vettura  tad-ditta Peugeot.  Dawn gew trasportati fuq il-bastiment "Pinto" appartenenti lis-socjeta' Sea Malta.  Jirrizulta li dawn il-vetturi tghabbew f'kundizzjoni tajba pero' meta gew skarikati minn abbord xi whud minnhom kellhom xi "spare parts" neqsin u ezattament kif gie elenkat waqt it-"tallying" li sar dak il-hin.  Il-vetturi de quo imbaghad jirrizulta li ghaddew fil-pussess tas-socjeta' konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Limited u gara li mill-mument li dawn il-vetturi gew skarikati kif fuq inghad sal-mument li gew ricevuti mid-destinatarju instab illi kien hemm aktar nuqqasijiet u danni kif dettaljatament elenkat a fol 10 u 11 tal-process.

Illi dwar id-danni riskontrati fil-mument tal-hatt, m'ghandux ikun hemm dubju dwarhom.  Dwar il-bqija tad-danni pero', is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited inter alia eccepiet li fil-mument tar-rilaxx inhareg minn ufficjal taghha certifikat maghruf bhala "gate pass out", kontrofirmat minn rapprezentanti tas-socjeta'

importatrici li ma kienx juri li kien hemm nuqqasijiet jew danni ulterjuri. Min-naha l-ohra izda, xehdu Austin Schembri u Noel Ellul ghan-nom tas-socjeta' assiguratrici fejn qalu li minkejja li ffirmat minnhom tali dokument dan sar biex il-vetturi ma jinzammux aktar milli mehtieg fil-port u b'hekk jitilghu aktar spejjez ghax mill-bqija jghidu li l-hsarat riskontrati minnhom tassew sehhew qabel ma l-vetturi gew rilaxxjati min-naha tal-Cargo Handling Company Limited. Hemm diversi sentenzi li jirritjenu li ghalkemm certament il-"Gate Pass Out" jikkostitwixxi prova pero' din mhix ta' natura assoluta imma biss iuris tantum u fil-fatt hemm provi sufficjenti li juri li d-danni li ma gewx senjalati fil-mument tal-hatt minn fuq il-bastiment kienu attribwibbli lis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited.

Illi dwar il-quantum hemm kontestazzjoni min-naha taz-zewg socjetajiet konvenuti. L-attur nomine talab li b'kollox l-ammont ta' Lm822.20c maqsum hekk:

| | |
|---|---|
| Danni/nuqqasijiet fil-vetturi: | Lm722.20c |
| Hlas ghal "survey fee": | Lm160.00c |
| Total: | Lm882.20c |

Il-Qorti jidhrilha li kwantu ghas-"survey fee" li giet reklamata mill-attur nomine, l-ammont mitlub kien wiehed eccessiv. Jirrizulta li minn 40 vettura ghaxra (10) minnhom biss kellhom xi hsarat/nuqqasijiet u kwindi l-konvenuti ma kienux u m'humiex tenuti li jaghmlu tajjeb ghas-"survey" ta' dawk il-vetturi misjubin f'kundizzjoni tajba. Wara kollox dan is-"survey" sar bhala parti mir-rwol assunt mis-socjeta' attrici. Ghalhekk fuq "average" ta' Lm4.00 ghal kull spezzjoni

ghandu jirrizulta li in linea ta' "survey fee" din ghandha tkun ta' erbghin lira Maltija (Lm40.00) u mhux kif intalab.

Illi gja' inghad li hemm danni/nuqqsijiet li gew riskontrati fil-mument tal-hatt u ghal dawn id-danni ghandha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta' Sea Malta Company. Il-Qorti pero' jidhrilha li mill-provi mismugha - skarsi ghall-ahhar dwar il-quantum - hemm partiti eccessivi u xi diskrepanzi wkoll. Hekk jirrizulta li ghalkemm gew fil-bidu nnutati neqsin tlett (3) "fuel caps", fil-prospett tad-danni - a fol 10/11 tal-process - jirrizulta biss indikat "fuel cap" wiehed nieqes. Il-Qorti jidhrilha wkoll li kwantu ghall-hsarat riportati fuq il-vettura Peugeot 504 Pick-Up - (ara fol 11) deskritti bhala minuri, l-ammont mitlub mill-attur nomine ta' Lm150.00 huwa wiehed eccessiv. Il-Qorti ma tifhimx kif biex issewwi jew tibdel (mhux ipprecizat ezattament) "panel" titlob Lm75.00 hlas tal-"panel" innifisha, Lm30.00 ohra ghal-"labour" u Lm45.00 ohra ghal "spray". Illi ghalhekk arbitrio boni viri, l-ammont qieghed jigi maqtugh bin-nofs u ridott ghal Lm75.00. Il-Qorti ghamlet rassenja tal-vetturi ndikati bi hsarat/nuqqasijiet fil-mument tal-hatt u kkonkludiet li meta l-vetturi twasslu Malta mis-Sea Malta kellhom gja' danni versu l-ammont komplessiv ta' Lm274.20c. Il-Qorti jidhrilha li l-ammont ta' danni ghal "survey fees" likwidati ghas-somma ta' Lm40.00 ghandu jigi sopportat nofs bin-nofs bejn iz-zewg socjetajiet konvenuti. Ifisser kwindi li s-socjeta' Sea Malta trid thallas b'kollox l-ammont ta' Lm294.25 (mitejn u erbgha u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu).

Illi kwantu ghas-socjeta' konvenuta l-ohra, The Cargo Handling Company Limited, din ghandha twiegeb ghad-danni kollha rimanenti nieqes l-aggustament 'l isfel maghmul mill-Qorti, kif fuq inghad, u

cjoe' ghandha thallas Lm373.20c kwantu ghall-hsarat u nuqqasijiet fil-bqija tal-vetturi, oltre Lm20 ghal "survey fees", u b'kollox ghalhekk ghas-somma ta' Lm393.20c (tlett mija u tlieta u disghin lira Maltija u ghoxrin centezmu).

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba in kwantu zzomm u tiddikjara liz-zewg socjetajiet konvenuti responsabbli ghall-hsarat de quo fil-proporzjonijiet hawn taht imsemmija, tilqa' t-tieni talba limitatament pero' ghas-somma ta' Lm687.20c' u tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lis-socjeta' Sea Malta thallas lill-attur nomine is-somma ta' Lm294.25c u lis-socjeta' The Cargo Handling Company Limited is-somma ta' Lm393.20c bl-interessi mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-hlas effettiv.  Il-kap ta' l-ispejjez jigi sopportat kif gej:

kwinta parti ($^1/_5$) mill-attur nomine, zewg kwinti ($^2/_5$) mis-socjeta' konvenuta Sea Malta Company u r-rimanenti zewg kwinti ($^2/_5$) mis-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited.

**Imhallef Joseph A. Filletti**

Deputat Registratur

md